VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,848, 30 ta' Diċembru, 2011
Taqsima B

A.L. 499 tal-2011

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaga waħda mal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħames Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "l-Iskeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2012.

Jemenda l-partita 3 tat-Taqsima Ħamsa tal-Iskeda.

2. Il-paragrafi (e) u (f) tal-partita 3 tat-Taqsima Ħamsa tal-Iskeda għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(e) Is-subintestaturi 9619 00 21 u 9619 00 29 fil-Kapitolu 96.

(f) Is-subintestaturi 9619 00 51 u 9619 00 59 fil-Kapitolu 96.".